
© istockphoto: Vaselena

# Żviluppi reċenti tal-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

*Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

European Economic and Social Committee

# Żviluppi reċenti
# tal-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea

Sommarju eżekuttiv

*L-informazzjoni u l-fehmiet stabbiliti f'dan l-istudju huma dawk tal-awturi u mhux neċessarjament jirriflettu l-opinjoni uffiċjali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ma jagħtix garanzija tal-preċiżjoni tad-data inkluża f'dan l-istudju.*
*La l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ma tista' tinżamm responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fih.*

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

## WERREJ

Daħla: Luca Jahier, President tal-Grupp ta' Interessi Varji tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), is-Sinjuri Krzysztof Balon u Alain Coheur, Ko-Kelliema tal-Kategorija tal-Ekonomija Soċjali tal-KESE

**1. Introduzzjoni u għanijiet**

**2. Il-kunċett tal-ekonomija soċjali u l-approċċi teoretiċi ewlenin relatati miegħu**

**3. L-ekonomija soċjali u kunċetti emerġenti relatati fl-Ewropa**

**4. Il-politiki pubbliċi lejn l-Ekonomija Soċjali fil-livell Ewropew fil-perjodu reċenti (2010-16)**

**5. Il-politiki pubbliċi lejn l-Ekonomija Soċjali fl-Ewropa fil-livell nazzjonali u reġjonali fil-perjodu reċenti (2010-16)**

**6. L-importanza tal-Ekonomija Soċjali fit-28 Stat Membru tal-UE**

**DAĦLA minn Luca JAHIER**

Huwa bi pjaċir kbir li nilqa' l-pubblikazzjoni tal-istudju *"Recent Evolutions in the Social Economy in the European Union"* (Żviluppi Reċenti fl-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea), li kien ikkummissjonat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u twettaq mis-CIRIEC. Bil-pubblikazzjoni ta' tliet studji suċċessivi mill-2008, aħna wrejna l-impenn kontinwu tagħna biex nappoġġjaw u nippromovu l-ekonomija soċjali fl-Ewropa.

L-istudju jippermettilna nkejlu l-progress, billi jipprovdi data affidabbli u komparabbli. Dak li huwa evidenti huwa li l-ekonomija soċjali b'mod ġenerali rnexxiela taħrab il-kriżi ekonomika u finanzjarja. Illum, is-settur jipprovdi impjieg bi ħlas lil 6.3 % tal-popolazzjoni attiva fl-UE-28, meta mqabbel ma' 6.5 % fl-2012.

Nemmen b'mod qawwi li l-ekonomija soċjali turi u tiddefendi l-valuri li fuqhom inbniet l-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 3 tat-TUE). Hija kemm opportunità kif ukoll vettura għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, ir-responsabbiltà u l-appartenenza tal-futur sostenibbli tagħna. Barra minn hekk, din tikkostitwixxi strument estensiv sabiex l-UE tkun tista' toqrob lejn l-impenji tagħha skont l-Aġenda 2030 tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.

Għal din ir-raġuni, iż-żieda fl-assistenza tal-UE mogħtija lill-ekonomija soċjali mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) hija kruċjali. Ninsab partikolarment sodisfatt ukoll li f'dawn l-aħħar snin, il-Presidenzi suċċessivi tal-Kunsill tal-UE taw prijorità lill-ekonomija soċjali u laqgħu l-kontribut tal-KESE għall-ħidma tagħhom.

Madankollu, għad fadal ħafna xi jsir, inkluż sabiex tiżdied il-viżibbiltà u r-rikonoxximent tas-settur. Nittama li fil-futur qrib isir progress lejn l-iżvilupp ta' statistika sistematika għall-gruppi differenti tal-ekonomija soċjali u fl-inklużjoni tal-ekonomija soċjali fil-kontijiet statistiċi nazzjonali. Bla dubju, dan ikun jirrappreżenta l-ewwel pass neċessarju sabiex l-ekonomija soċjali tingħata l-kreditu li jixirqilha. Inqis ukoll li hemm potenzjal kbir li għadu ma ġiex sfruttat sabiex jingħaqdu d-dimensjonijiet interni u esterni tal-ekonomija soċjali tal-UE, b'mod partikolari fir-relazzjonijiet mal-ġirien tagħna fi żminijiet ta' żieda fit-taqlib politiku, tas-sigurtà u ekonomiku.

Inħeġġeġ lill-atturi kollha sabiex jingħaqdu flimkien u biex iżidu l-attivitajiet tagħhom. Diġà għamilna progress tajjeb. Ejja nkomplu flimkien f'din it-triq!





**Luca JAHIER**
President tal-Grupp ta' Interessi Varji
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)

**DAĦLA minn Alain COHEUR**

Din hija t-tielet darba li l-KESE ppubblika studju dwar *Żviluppi Reċenti fl-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea*, wara dawk imwettqa fl-2008 u fl-2012. L-istudju, ikkummissjonat miċ-ċentru tar-riċerka CIRIEC, mhux sempliċement jaġġorna l-verżjonijiet preċedenti, iżda jiffoka fuq tliet oqsma:

- l-ekonomija soċjali u kunċetti/movimenti emerġenti,
- il-politiki pubbliċi fis-sens wiesa' li ġew abbozzati fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri fis-snin reċenti sabiex jittejjeb is-settur tal-ekonomija soċjali,
- id-daqs tal-ekonomija soċjali f'kull Stat Membru tal-UE.

Bil-pubblikazzjoni ta' dan l-istudju, il-KESE qiegħed isaħħaħ l-impenn tiegħu għar-rikonoxximent u l-promozzjoni tal-ekonomija soċjali, settur li huwa pedament assolut mhux biss għall-impjiegi u l-koeżjoni soċjali madwar l-Ewropa iżda wkoll għall-bini u l-konsolidazzjoni ta' Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

L-istudju jenfasizza r-rwol importanti – u dejjem jikber – li l-ekonomija soċjali għandha fl-ekonomija tas-suq, billi taħdem ma' u flimkien magħha. Meta jiġi żgurat li l-effiċjenza ekonomika sservi l-ħtiġijiet soċjali, l-ekonomija soċjali toħloq interdipendenza ġenwina bejn il-kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali aktar milli waħda tkun subordinata għall-oħra.

Il-potenzjal tal-ekonomija soċjali għat-tkabbir fi żmien ta' kriżi ekonomika u soċjali ġie enfasizzat f'bosta okkażjonijiet. Fil-fatt, l-ekonomija soċjali hija mudell ta' reżiljenza, u għadha qed tiżviluppa filwaqt li setturi ekonomiċi oħra qed jitħabtu. Hija mhijiex prodott inċidentali: l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jirriflettu l-ħtieġa ta' ekonomija li tirrikonċilja d-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u finanzjarji, li tista' toħloq il-ġid u li ma titkejjilx biss f'termini tal-kapital finanzjarju tagħha, iżda wkoll – u fuq kollox – mill-kapital soċjali tagħha. L-attivitajiet tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali mhumiex immexxija biss minn kriterji tas-suq jew tat-tkabbir. L-għanijiet aħħarija mhumiex l-iżvilupp, il-profittabbiltà u l-profitti b'ċifri doppji iżda l-kontribut għall-interess ġenerali, il-koeżjoni soċjali u l-benesseri tas-soċjetajiet tagħna.

Dan l-istudju juri li huwa essenzjali li titkompla d-diskussjoni dwar il-kunċett ta' intrapriża soċjali, bħala parti minn pjan usa' u aktar komprensiv sabiex jappoġġja, jippromovi u jiżviluppa l-ekonomija soċjali, il-prinċipji u l-governanza tagħha. Huwa essenzjali wkoll li jitħeġġeġ l-iskambju tal-prattiki tajbin ma' Stati Membri oħra b'esperjenza twila fl-ekonomija soċjali.

Sabiex jiġi appoġġjat it-tkabbir tal-ekonomija soċjali, se jkun meħtieġ li jintwera kuraġġ politiku billi jittieħdu miżuri speċifiċi dwar it-tassazzjoni, is-self u l-burokrazija u billi tittieħed azzjoni prattika sabiex tappoġġja l-ekonomija soċjali – b'mod partikolari għaż-żgħażagħ li jixtiequ jinvolvu ruħhom f'ekonomija aktar responsabbli u li jinvestu fin-nies.



Il-KESE se jkompli jkun alleat b'saħħtu tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.



**Alain COHEUR**
Ko-Kelliem tal-Kategorija tal-Ekonomija Soċjali
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)

**DAĦLA minn Krzysztof BALON**

Din l-edizzjoni tal-istudju tal-KESE "Recent evolutions of the Social Economy in the European Union" (Żviluppi reċenti tal-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea) tikkonferma għal darba oħra r-rwol importanti tas-settur tal-ekonomija soċjali fil-ħolqien tal-impjiegi, il-faċilitazzjoni tat-tkabbir sostenibbli, it-tqabbil tas-servizzi mal-ħtiġijiet u d-distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu u l-ġid. Madankollu, l-attivitajiet imwettqa mill-entitajiet tal-ekonomija soċjali għandhom kuntest ferm usa', jiġifieri l-bini kemm tad-demokrazija parteċipattiva kif ukoll tal-kapital soċjali. Dan japplika b'mod speċjali għall-Istati Membri, li ssieħbu fl-UE mill-2004 'il quddiem. Sal-1989/1990, ħafna minnhom kienu pajjiżi soċjalisti taħt il-dominazzjoni tal-Unjoni Sovjetika b'attivitajiet non-eżistenti jew limitati ħafna mis-soċjetà ċivili. Il-konsegwenzi ta' dawn l-iżviluppi storiċi huma, fost l-oħrajn, sitwazzjoni finanzjarja fraġli fis-settur tal-NGOs u livell baxx ta' impenn tas-soċjetà ċivili fil-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol lokali. Dan jista' jidher anki fl-istatistika: filwaqt li r-rata ta' impjiegi bi ħlas fl-ekonomija soċjali hija ta' 6.3 % fl-UE kollha kemm hi, l-istess rata fl-Istati Membri "ġodda" tammonta għal medja ta' 2.5 %.

Ex oriente lux: min-naħa l-oħra, ħafna ideat u approċċi ġodda li ġejjin minn dawn il-pajjiżi jikkontribwixxu għall-arrikkiment tal-ekonomija soċjali Ewropea. Mill-esperjenza tal-moviment Pollakk ta' Solidarność/Solidarjetà, għad-diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, inkluża l-indipendenza tal-ekonomija soċjali mill-awtoritajiet, sa eżempji prattiċi bħall-mudell Slovakk għall-intrapriżi soċjali muniċipali.

Djalogu permanenti bejn il-leġislaturi/politiċi u s-settur tal-ekonomija soċjali, fil-livell kemm nazzjonali kif ukoll Ewropew, li jinkludi l-esperjenzi tal-Istati Membri kollha, jidher li huwa ta' importanza kbira għall-ħolqien ta' strateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali. L-atturi rilevanti kollha huma mistiedna jaħdmu flimkien mal-KESE għar-rikonoxximent tal-ekonomija soċjali bħala parti kruċjali – forsi dominanti – tal-mudell ekonomiku u soċjali tal-ġejjieni fl-Ewropa.





**Krzysztof BALON**
Ko-Kelliem tal-Kategorija tal-Ekonomija Soċjali
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)

# INTRODUZZJONI U GĦANIJIET

## 1.1. Għanijiet

L-għan ġenerali tar-Rapport imwettaq mis-CIRIEC huwa li jistudja l-iżvilupp reċenti tal-ekonomija soċjali fl-Unjoni Ewropea (UE) u fit-28 Stat Membru tagħha. Huwa jiffoka fuq tliet oqsma: l-ewwel nett, l-ekonomija soċjali u l-kunċetti/movimenti emerġenti relatati mal-ispazju bejn l-istati u s-suq/in-negozji bi skop ta' profitt, it-tieni, il-politiki pubbliċi fis-sens wiesa' tagħhom mibnija kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi Membri fis-snin reċenti sabiex jissaħħaħ is-settur tal-ekonomija soċjali u t-tielet, il-kejl tal-importanza tal-ekonomija soċjali f'kull pajjiż Membru tal-UE. Din ir-riċerka mhux biss hija aġġornament tal-istudji bit-titolu "The Social Economy in the European Union" (L-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea), imwettqa mis-CIRIEC u ppubblikati fl-2008 u fl-2012 mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, iżda wkoll analiżi u valutazzjoni tal-iżviluppi reċenti f'dan il-qasam fl-Ewropa. Sabiex jipprovdi tweġibiet għas-suġġetti tar-riċerka, il-proġett ġie strutturat madwar tliet oqsma. Fl-ewwel qasam, dak kunċettwali, ir-riċerka tat ħarsa ġenerali lejn il-kunċetti emerġenti, billi qabblithom mal-kunċett stabbilit tal-UE tal-ekonomija soċjali u identifikat l-isfidi tagħhom.

Fit-tieni qasam, dak tal-politiki pubbliċi, ir-riċerka ffokat fuq il-politiki dwar l-ekonomija soċjali mħaddma mill-gvernijiet, fil-livell Ewropew unazzjonali fil-perjodu reċenti (2010-16). L-ambjent u l-"ekosistema" tal-ekonomija soċjali huma fattur ewlieni li jista' jiffaċilita l-iżvilupp tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali jew jista' jikkostitwixxi ostakolu estern għalihom. Il-proġett ifformula qafas sabiex jikklassifika dawn il-politiki kollha. Huwa jipprovdi għal rieżami tal-inizjattivi ewlenin skjerati fil-livelli tal-UE u nazzjonali, analiżi komparattiva tal-leġislazzjoni nazzjonali ġdida dwar l-ekonomija soċjali u valutazzjoni tal-impatt tagħhom fl-Ewropa.

It-tielet qasam huwa statistiku. L-għan ċentrali tiegħu kien li jipprovdi data kwantitattiva dwar l-ekonomija soċjali fit-28 Stat Membru, billi jsegwi l-istess metodu użat fiż-żewġ studji preċedenti mwettqa mis-CIRIEC għall-KESE. Huwa studja wkoll l-iżviluppi reċenti fl-istatistika u d-data disponibbli madwar l-Ewropa.

## 1.2. Metodi

Ir-Rapport kien dirett u miktub prinċipalment minn Rafael Chaves u José Luis Monzón tas-CIRIEC, b'konsulenza minn Kumitat ta' Esperti li ddiskuta l-iskeda tax-xogħol sħiħa, il-metodoloġija u r-Rapport finali propost mad-diretturi u għenhom jidentifikaw il-klassijiet differenti ta' kumpaniji u organizzazzjonijiet li jiffurmaw parti mill-ekonomija soċjali f'kull wieħed mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Rigward il-metodi nnifishom, l-ewwel parti tar-Rapport tuża d-definizzjoni tas-settur tan-negozju jew tas-suq tal-ekonomija soċjali mogħtija fil-Manwal tal-Kummissjoni Ewropea għat-tfassil tal-kontijiet satellita tal-kooperattivi u tal-impriżi mutwi bħala l-bażi għall-istabbiliment ta' definizzjoni tal-ekonomija soċjali kollha kemm hi li hija maħsuba biex tikseb kunsens politiku u akkademiku wiesa'.

Rigward it-tieni għan tar-Rapport, sar studju ewlieni fuq il-post f'Marzu u f'April 2017 billi ntbagħat kwestjonarju lit-28 Stat Membru tal-UE. Dan intbagħat lil xhieda privileġġati b'għarfien espert tal-kunċett tal-ekonomija soċjali u oqsma relatati u tar-realtà tas-settur fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Dawn l-esperti huma riċerkaturi universitarji, professjonisti li jaħdmu fil-federazzjonijiet u strutturi li jirrappreżentaw lill-ekonomija soċjali u uffiċjali għolja taċ-ċivil tal-gvernijiet nazzjonali b'responsabbiltajiet fir-rigward tal-ekonomija soċjali. Ir-riżultati kienu sodisfaċenti ħafna, billi nġabru 89 kwestjonarju mimlija mit-28 pajjiż fl-UE.

Fir-rigward tat-tielet għan intermedju tar-Rapport, l-identifikazzjoni tal-politiki pubbliċi, din saret permezz tal-konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Esperti u esperti fis-settur, permezz tal-informazzjoni mogħtija fil-kwestjonarji u permezz tad-diskussjonijiet mal-Kumitat tal-Esperti.

# IL-KUNĊETT TA' EKONOMIJA SOĊJALI U L-APPROĊĊI TEORETIĊI EWLENIN RELATATI MIEGĦU

## 2.1. L-identifikazzjoni u r-rikonoxximent preżenti tal-Ekonomija Soċjali

Id-definizzjoni kunċettwali l-aktar reċenti tal-ekonomija soċjali, imfassla mill-membri tagħha stess, tista' tinsab fil-*Karta tal-Prinċipji tal-Ekonomija Soċjali* ta' Social Economy Europe, l-assoċjazzjoni fil-livell Ewropew li tirrappreżenta l-ekonomija soċjali. Dawn il-prinċipji huma:

- Il-preminenza tal-individwu u tal-objettiv soċjali fuq il-kapital
- Is-sħubija volontarja u miftuħa
- Il-kontroll demokratiku mill-membri (ma jikkonċernax il-fondazzjonijiet billi dawn ma għandhomx membri)
- Il-kombinazzjoni tal-interessi tal-membri/utenti u/jew l-interess ġenerali
- Id-difiża u l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-solidarjetà u tar-responsabbiltà
- Il-ġestjoni awtonoma u l-indipendenza mill-awtoritajiet pubbliċi
- Ħafna mill-eċċessi jintużaw biex jiġu segwiti l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, servizzi ta' interess għall-membri jew l-interess ġenerali.

## 2.2. Definizzjoni tal-Ekonomija Soċjali li taqbel mas-sistemi tal-kontijiet nazzjonali

Id-definizzjoni proposta, kif diġà stabbilita fir-Rapport tal-2012, hija kif ġej:

*"Is-sett ta' intrapriżi privati, organizzati b'mod formali, b'awtonomija deċiżjonali u libertà tas-sħubija, maħluqa sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-membri tagħhom permezz tas-suq billi jipproduċu prodotti u jipprovdu servizzi, assigurazzjoni u finanzi, fejn it-teħid tad-deċiżjonijiet u kwalunkwe distribuzzjoni tal-profitti jew l-eċċessi fost il-membri mhumiex direttament marbuta mal-kapital jew it-tariffi kontribwiti minn kull membru, li kull wieħed minnhom għandu vot wieħed, jew f'kull każ jiġu deċiżi permezz ta' proċessi demokratiċi u parteċipattivi. L-ekonomija soċjali tinkludi wkoll entitajiet privati, organizzati b'mod formali b'awtonomija deċiżjonali u libertà tas-sħubija li jipproduċu servizzi mhux tas-suq għall-unitajiet domestiċi u li l-eċċessi tagħhom, jekk ikun hemm, ma jistgħux jiġu approprjati mill-aġenti ekonomiċi li joħolquhom, jikkontrollawhom jew jiffinanzjawhom".*

**Tabella 1. Operaturi tal-ekonomija soċjali skont is-settur istituzzjonali tal-ESA 2010**

| SETTUR ISTITUZZJONALI TAL-ESA 2010 | | INTRAPRIŻI U ORGANIZZAZZJONIJIET MIKROEKONOMIĊI TAL-EKONOMIJA SOĊJALI |
|---|---|---|
| PRODUTTURI TAS-SUQ | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S11) | • Kooperattivi (ħaddiema, agroalimentari, konsumaturi, edukazzjoni, trasport, akkomodazzjoni, kura tas-saħħa, soċjali, eċċ.)<br>• Intrapriżi soċjali<br>• Intrapriżi oħra bbażati fuq assoċjazzjoni<br>• Produtturi tas-suq privati oħra (xi assoċjazzjonijiet u persuni ġuridiċi oħra)<br>• Istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz ta' organizzazzjonijiet mhux finanzjarji tal-ekonomija soċjali<br>• Korporazzjonijiet mhux finanzjarji kkontrollati mill-ekonomija soċjali |
| | Korporazzjonijiet finanzjarji (S12) | • Kooperattivi ta' kreditu<br>• Kumpaniji tal-assigurazzjoni komuni* u impriżi ta; sugurtà soċjali mutwi<br>• Kooperattivi tal-assigurazzjoni<br>• Istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz ta' organizzazzjonijiet mhux finanzjarji tal-ekonomija soċjali |
| | Amministrazzjoni pubblika (S13) | _____ |
| PRODUTTURI MHUX TAS-SUQ | Unitajiet domestiċi (S14)** | • Istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz tal-unitajiet domestiċi li mhumiex importanti ħafna |
| | Istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz tal-unitajiet domestiċi (S15) | • Assoċjazzjonijiet ta' azzjoni soċjali***<br>• Fondazzjonijiet ta' azzjoni soċjali***<br>• Organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ oħra għas-servizz tal-unitajiet domestiċi (kulturali, sportivi, eċċ.) |

(*) Huma esklużi l-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u, b'mod ġenerali, l-impriżi mutwi li s-sħubija tagħhom hija obbligatorja u dawk ikkontrollati minn kumpaniji mhux tal-ekonomija soċjali.

(**) Is-settur tal-Unitajiet domestiċi (S14) jinkludi kummerċjanti waħdiena u sħubijiet ġenerali mingħajr personalità legali li huma produtturi tas-suq u li ma jagħmlux parti mill-ekonomija soċjali. Jinkludi wkoll organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ ta' daqs limitat ("mhux importanti ħafna") li huma produtturi mhux tas-suq u jagħmlu parti mill-ekonomija soċjali.

(***) Organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li huma produtturi privati mhux tas-suq, bi sħubija u parteċipazzjoni volontarji u awtonomija strateġika u operattiva, u li l-għan tagħhom jikkonsisti fil-kisba ta' għanijiet ta' benesseri soċjali billi jfornu jew jipprovdu prodotti u servizzi soċjali jew ta' mertu, bla ħlas jew bi prezzijiet li mhumiex ekonomikament sinifikanti, lil persuni jew gruppi ta' persuni li huma vulnerabbli, soċjalment esklużi jew f'riskju ta' esklużjoni. Dawn l-organizzazzjonijiet jikkostitwixxu t-*Tielet Settur tal-Azzjoni Soċjali*, li, ovvjament, jagħmel parti mill-ekonomija soċjali.

## 2.3. Approċċi teoretiċi ewlenin relatati mal-ekonomija soċjali

### Il-kunċett ta' Organizzazzjoni Mingħajr Skop ta' Qligħ (NPO)

Il-kunċett modern tas-settur mingħajr skop ta' qligħ ġie definit b'mod aktar preċiż u xxerred b'mod wiesa' madwar id-dinja permezz ta' proġett ta' riċerka internazzjonali li beda fil-bidu tad-disgħinijiet, immexxi minn Johns Hopkins University (Baltimore, l-Istati Uniti tal-Amerika) sabiex jiskopri u jikkwantifika d-daqs u l-istruttura tiegħu, janalizza l-prospetti ta' żvilupp tiegħu u jevalwa l-impatt tiegħu fuq is-soċjetà.

L-organizzazzjonijiet li jeżamina dan il-proġett huma dawk li ssodisfaw il-ħames kriterji ewlenin fid-"definizzjoni strutturali-operattiva" ta' organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Għalhekk, dawn huma:

a) *Organizzazzjonijiet, jiġifieri għandhom struttura u preżenza istituzzjonali.* Huma ġeneralment persuni ġuridiċi.

b) *Privati*, jiġifieri istituzzjonalment separati mill-gvern, għalkemm jistgħu jirċievu finanzjament pubbliku u jista' jkollhom uffiċjali pubbliċi fil-korpi ta' governanza tagħhom.

c) *Awtoregolatorji*, jiġifieri kapaċi jikkontrollaw l-attivitajiet tagħhom stess u huma liberi li jagħżlu u jkeċċu l-korpi ta' governanza tagħhom.

d) *Ma jqassmux il-profitt.* L-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu jagħmlu profitti iżda dawn iridu jiġu investiti mill-ġdid fil-missjoni prinċipali tal-organizzazzjoni u mhux imqassma lis-sidien, lill-membri fundaturi jew lill-korpi ta' governanza tal-organizzazzjoni.

*e) B'parteċipazzjoni volontarja*, li tfisser żewġ affarijiet: l-ewwel nett, li s-sħubija mhijiex obbligatorja jew imposta legalment u t-tieni, li jrid ikollhom voluntiera li jipparteċipaw fl-attivitajiet jew fil-ġestjoni tagħhom.

### L-approċċ tal-Ekonomija Solidali

Il-kunċett ta' "ekonomija solidali" ilu jiżviluppa fi Franza mis-snin tmenin. F'dan l-approċċ, l-ekonomija ddur madwar tliet poli: is-suq, l-Istat u r-reċiproċità. Dawn it-tliet poli jikkorrispondu għall-prinċipji tas-suq, tar-ridistribuzzjoni u tar-reċiproċità. Dan tal-aħħar jirreferi għal skambju mhux monetarju fil-qasam tas-soċjabbiltà primarja li huwa identifikat, fuq kollox, fl-assoċjazzjonijiet.

Fil-qosor, l-ekonomija hija ta' natura multipla u ma tistax tiġi ridotta għal termini strettament kummerċjali u monetarji. L-approċċ tal-ekonomija solidali huwa tentattiv mingħajr preċedent sabiex jingħaqdu flimkien it-tliet poli tas-sistema, għalhekk inizjattivi speċifiċi tal-ekonomija solidali jikkostitwixxu forom li huma ibridi bejn l-ekonomiji tas-suq, mhux tas-suq u mhux monetarji. Huma ma jidħlux fl-isterjotip tas-suq tal-ekonomija ortodossa u r-riżorsi tagħhom, ukoll, għandhom oriġini multipla: tas-suq (bejgħ ta' prodotti u servizzi), mhux tas-suq (sussidji u donazzjonijiet tal-gvern) u mhux monetarji (voluntiera).

Minbarra dan il-kunċett tal-ekonomija solidali, li għandu l-epiċentru tiegħu fi Franza, lat ieħor tal-ekonomija solidali b'ċerta preżenza f'xi pajjiżi tal-Amerika Latina jikkunsidraha bħala forza għall-

bidla soċjali, il-portatur ta' proġett għal soċjetà alternattiva għall-globalizzazzjoni neoliberali. B'differenza mill-approċċ Ewropew, li jqis l-ekonomija solidali bħala kompatibbli mas-suq u l-Istat, il-perspettiva Latina-Amerikana qiegħda tiżviluppa dan il-kunċett bħala alternattiva globali għall-kapitaliżmu.

**Approċċi oħra**

B'rabta mal-approċċ deskritt fil-paragrafu preċedenti, żviluppi teoretiċi oħra jipproponu direttament is-sostituzzjoni tal-ekonomiji tas-suq fejn il-mezzi tal-produzzjoni huma privati b'modi oħra ta' organizzazzjoni tas-sistema tal-produzzjoni. Dawn l-approċċi jinkludu: a) l-*ekonomija alternattiva*, b'għeruq fil-movimenti kontra l-istabbiliment li żviluppaw fi Franza wara Mejju 1968; u b) l-*ekonomija popolari*, promossa f'diversi pajjiżi tal-Amerika t'Isfel mill-1980 'il quddiem b'opinjonijiet simili ħafna għall-verżjoni Latina-Amerikana tal-ekonomija solidali, tant li tissejjaħ ukoll l-*ekonomija solidali popolari*. L-ekonomija popolari teskludi kwalunkwe tip ta' relazzjoni bejn min iħaddem u l-ħaddiem u tqis ix-xogħol bħala l-fattur ewlieni tal-produzzjoni.

## L-EKONOMIJA SOĊJALI U KUNĊETTI EMERĠENTI RELATATI FL-EWROPA

### 3.1. L-intrapriżi soċjali, l-intraprenditorija soċjali u l-innovazzjoni soċjali

Il-Kummissjoni Ewropea tiddefinixxi l-intrapriżi soċjali bħala **parti integrali mill-ekonomija soċjali**: "*Intrapriża soċjali hija operatur fl-**ekonomija soċjali** li l-għan prinċipali tagħha huwa li jkollha impatt soċjali aktar milli biex tagħmel profitt għas-sidien jew l-azzjonisti tagħha. Din topera billi tipprovdi oġġetti u servizzi għas-suq b'mod intraprenditorjali u innovattiv u tuża l-profitti tagħha primarjament biex tikseb għanijiet soċjali. Hija mmaniġġjata b'manjiera miftuħa u responsabbli u, b'mod partikolari, tinvolvi l-impjegati, il-konsumaturi u partijiet interessati*" (Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, *Inizjattiva għan-negozju soċjali*, COM/2011/0682 final tal-25/10/2011). Din il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tidentifika wkoll l-oqsma ta' attività prinċipali tal-intrapriżi soċjali: a) negozji li jipprovdu servizzi soċjali u/jew prodotti u servizzi lil persuni vulnerabbli u b) negozji li jfittxu l-integrazzjoni fl-impjieg ta' persuni b'diffikultajiet ta' impjegabbiltà, iżda li l-attività tagħhom tista' tkun barra mill-ambitu tal-forniment ta' prodotti jew servizzi soċjali.

Min-naħa tagħhom, il-kurrenti ta' ħsieb differenti tal-Amerika ta' Fuq dwar l-intrapriżi soċjali jistgħu jinġabru f'żewġ approċċi ewlenin: l-"introjtu miksub" u l-iskola tal-"innovazzjoni soċjali" promossa mill-Fondazzjoni Ashoka stabbilita minn Bill Drayton fl-1980.

L-approċċ tal-**innovazzjoni soċjali** jenfasizza r-rwol individwali tal-**imprenditur soċjali**, li jadotta missjoni biex joħloq u jsostni l-valur soċjali (mhux biss il-valur privat), jirrikonoxxi u jfittex opportunitajiet ġodda għas-servizz ta' dik il-missjoni, jinvolvi ruħu fi proċess ta' innovazzjoni, adattament u tagħlim kontinwi, jaġixxi b'mod kuraġġuż mingħajr ma jkun limitat mir-riżorsi disponibbli f'dak il-mument u juri sens akbar ta' responsabbiltà u akkontabbiltà lejn il-kostitwenzi

servuti u għar-riżultati maħluqa. Fil-qosor, l-imprendituri soċjali jwettqu missjoni soċjali u l-impatt relatat mal-missjoni (pjuttost milli l-ħolqien tal-ġid) huwa l-kriterju ewlieni sabiex jitkejjel imprenditur soċjali. Fl-approċċ tal-innovazzjoni soċjali, il-forma tas-sjieda tal-intrapriża soċjali (pubblika, ibbażata fuq il-kapital jew ekonomija soċjali) hija sekondarja u l-figura ċentrali hija l-imprenditur soċjali, bħala l-persuna prinċipali responsabbli għall-intraprenditorija u l-bidla soċjali.

**Tabella 2. Xebh u differenzi bejn il-kunċetti ta' intrapriża soċjali, intraprenditorija soċjali u innovazzjoni soċjali**

| DIMENSJONIJIET | Approċċ tal-Emes | Skola tal-Introjtu Miksub | | Skola tal-Innovazzjoni Soċjali |
|---|---|---|---|---|
| | | Non-profitti Kummerċjali | Negozju mmexxi mill-missjoni | |
| **DIMENSJONI EKONOMIKA U KUMMERĊJALI** | In-natura tal-attività ekonomika marbuta mill-qrib mal-missjoni soċjali | In-natura tal-attività ekonomika mhux marbuta mal-missjoni soċjali | | In-natura tal-attività ekonomika marbuta mill-qrib mal-missjoni soċjali |
| | Ir-riskju ekonomiku: is-sostenibbiltà finanzjarja bbażata fuq taħlita ta' dħul mis-suq (introjtu kummerċjali) u dħul mhux mis-suq (għotjiet, sussidji, donazzjonijiet) | Is-sostenibbiltà bbażata fuq l-introjtu kummerċjali | | Is-sostenibbiltà bbażata fuq taħlita ta' dħul mis-suq u mhux mis-suq |
| **DIMENSJONI SOĊJALI** | Objettiv espliċitu ta' benefiċċju għall-komunità jew ħolqien tal-valur soċjali | L-objettiv ta' benefiċċju għall-komunità ggarantit bl-investiment mill-ġdid tal-profitti kollha | L-objettiv ta' benefiċċju għall-komunità mhuwiex iggarantit | Objettiv espliċitu ta' benefiċċju għall-komunità |
| | Dinamika kollettiva | L-ebda referenza għall-intraprenditorija individwali jew kollettiva | L-ebda referenza għall-intraprenditorija individwali jew kollettiva | Il-preminenza tal-inizjattivi individwali |
| | Hija permessa distribuzzjoni limitata tal-profitti (organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u bi skop ta' qligħ) | Id-distribuzzjoni tal-profitti hija pprojbita (organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ) | Hija permessa d-distribuzzjoni tal-profitti (organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u bi skop ta' qligħ) | Hija permessa d-distribuzzjoni tal-profitti (organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u bi skop ta' qligħ) |
| **DIMENSJONI PARTEĊIPATTIVA** | L-awtonomija | Mhux speċifikat, iżda l-awtonomija mill-organizzazzjonijiet pubbliċi tidher li hija garantita mill-awtosuffiċjenza, għalkemm l-awtonomija mill-organizzazzjonijiet privati li stabbilewhom mhijiex. | | Mhux speċifikata bħala tali, iżda l-awtonomija hija impliċita |
| | It-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod demokratiku | It-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod demokratiku mhuwiex rekwiżit | | It-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod demokratiku mhuwiex rekwiżit |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | It-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod parteċipattiv | It-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod parteċipattiv mhuwiex rekwiżit | It-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod parteċipattiv mhuwiex rekwiżit |

Sors: Monzon & Herrero (2016).

### 3.2. L-ekonomija kollaborattiva, kunċetti relatati, u l-ekonomija soċjali

Kunċett ġdid li stabbilixxa ruħu b'mod b'saħħtu mill-bidu tas-seklu 21 huwa dak tal-"ekonomija kollaborattiva", li tirreferi għal firxa wiesgħa ħafna ta' attivitajiet marbuta mal-oqsma tal-konsum, il-produzzjoni, il-finanzi, l-edukazzjoni, u anke l-governanza. Fil-Komunikazzjoni tagħha msejħa "Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva" (COM/2016/0356 final - 02/06/2016), il-Kummissjoni Ewropea tiddefinixxi l-ekonomija kollaborattiva bħala "mudelli tan-negozju fejn l-attivitajiet huma ffaċilitati minn pjattaformi kollaborattivi li joħolqu suq miftuħ għall-użu temporanju ta' prodotti jew servizzi ta' spiss pprovduti minn individwi privati". Il-Komunikazzjoni tidentifika tliet kategoriji ta' atturi involuti fl-ekonomija kollaborattiva: a) il-fornituri tas-servizzi — individwi privati jew professjonisti; b) l-utenti ta' dawn is-servizzi, u c) l-intermedjarji — permezz ta' pjattaforma online — li jgħaqqdu l-fornituri mal-utenti u li jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet bejniethom ("pjattaformi kollaborattivi"). Il-Komunikazzjoni tintemm billi tinnota li t-tranżazzjonijiet tal-ekonomija kollaborattiva ma jinvolvux bidla fis-sjieda u jistgħu jitwettqu għall-profitt jew mhux għall-profitt.

Filwaqt li mhumiex kruċjali għall-boom attwali tal-ekonomija kollaborattiva, il-*pjattaformi kollaborattivi* għandhom rwol importanti ħafna. Il-funzjonijiet ewlenin tagħhom huma: a) il-ħolqien tal-pjattaforma li tgħaqqad il-provvista u d-domanda tal-oġġetti; b) il-ħolqien tal-mekkaniżmu li jippermetti li t-tranżazzjonijiet ekonomiċi jsiru b'mod elettroniku, u c) il-ħolqien tal-mekkaniżmi ta' verifika li jimminimizzaw ir-riskji tat-tranżazzjonijiet u l-ispejjeż assoċjati mat-trattar ma' barranin. Fil-qosor, l-ekonomija kollaborattiva tuża t-teknoloġija tal-informazzjoni biex tnaqqas l-asimetriji tal-informazzjoni u l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet tal-prodotti u s-servizzi skambjati jew kondiviżi, kif ukoll biex twessa' u tapprofondixxi s-swieq kollaborattivi.

Diversi pjattaformi kooperattivi qed jiġu żviluppati wkoll fl-Ewropa. LAMA u Cooperatives Europe wettqu studju ta' 38 każ minn 11-il pajjiż Ewropew u 3 inizjattivi minn barra l-Unjoni Ewropea. Fil-konklużjonijiet tiegħu, l-istudju semma kemm l-opportunitajiet ġodda għall-espansjoni offruti lill-kooperattivi fil-qasam tal-ekonomija kollaborattiva kif ukoll l-ostakoli u l-barrieri li tiffaċċja, li jinkludu l-problemi ta' finanzjament u d-daqs żgħir tal-kooperattivi li jippromwovu inizjattivi tal-ekonomija kollaborattiva, li jwassluhom biex jitilfu parti mill-effiċjenza tagħhom.

### 3.3. L-ekonomija għall-ġid komuni u l-ekonomija soċjali

L-Ekonomija għall-Ġid Komuni ((ECG) (1) hija moviment soċjoekonomiku u politiku stabbilit mill-ekonomista Awstrijak Christian Felber fl-2010. Il-proposta ċentrali tal-mudell tal-ECG hija li l-ekonomija għandha tkun għas-servizz tan-nies, jiġifieri tal-ġid komuni. L-ECG hija bbażata fuq il-valuri rikonoxxuti minn kulħadd bħala universali: id-dinjità tal-bniedem, is-solidarjetà, is-sostenibbiltà ekoloġika, il-ġustizzja soċjali, it-trasparenza u l-parteċipazzjoni demokratika. Il-mudell tal-ECG huwa transdixxiplinari u applikabbli għal kull tip ta' kumpanija u organizzazzjoni.

Sabiex jiġi rikonoxxut il-kontribut għall-ġid komuni tal-kumpaniji u l-entitajiet li jiffurmaw is-sistema ekonomika, jintuża metodu speċifiku bbażat fuq il-Bilanċ tal-Ġid Komuni (CGB), il-Matriċi tal-Ġid Komuni (CGM), ir-Rapport tal-Ġid Komuni, u l-Verifika Esterna tal-Ġid Komuni.

### 3.4. L-ekonomija ċirkolari u l-ekonomija soċjali

Il-mudell tal-ekonomija ċirkolari jikkonsisti fis-sostituzzjoni ta' ekonomija lineari, ibbażata fuq il-mudell ta' ħu-agħmel-uża-armi, ma' waħda ċirkolari fejn l-iskart jista' jiġi trasformat f'riżorsi sabiex l-ekonomija tkun tista' ssir aktar sostenibbli u tnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tagħha permezz ta' ġestjoni mtejba tar-riżorsi u tnaqqis fl-estrazzjoni u t-tniġġis. Fl-istess ħin, l-ekonomija ċirkolari tippermetti lill-kumpaniji jiksbu vantaġġi kompetittivi bis-saħħa ta' ġestjoni aħjar tal-materja prima, u b'hekk toffri opportunitajiet ekonomiċi ġodda fi swieq ġodda u tippermetti li jinħolqu impjiegi ġodda lokalment.

L-ekonomija ċirkolari u l-ekonomija soċjali jiltaqgħu f'diversi punti ewlenin. Iż-żewġ mudelli jpoġġu l-individwi u l-iżvilupp sostenibbli fiċ-ċentru tal-interessi tagħhom. Fl-ekonomija ċirkolari, bħal fl-ekonomija soċjali, fattur ewlieni tas-suċċess tagħha jikkonsisti fit-tisħiħ tal-kapaċità kreattiva u innovattiva fuq livell lokali, fejn ir-relazzjonijiet ta' prossimità jikkostitwixxu komponent deċiżiv. Fi kliem ieħor, il-valuri u l-prinċipji tal-moviment kooperattiv u tal-ekonomija soċjali, bħalma huma r-rabtiet maż-żona lokali, l-interkooperazzjoni, jew is-solidarjetà, huma pilastri deċiżivi sabiex jiġu ggarantiti proċessi ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjoni tripla tagħhom: ambjentali, ekonomika u soċjali. Mhijiex kumbinazzjoni li fl-Ewropa, l-ekonomija soċjali kienet pijuniera tal-ekonomija ċirkolari fl-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart, fl-enerġija u fl-agrikoltura. Aktar reċentement, il-pjattaformi kooperattivi fl-isfera tal-ekonomija kollaborattiva huma eżempji magħrufa sewwa ta' inizjattivi li jgħinu sabiex jippreservaw u jtejbu l-kapital naturali, jottimizzaw l-użu tar-riżorsi u jippromwovu l-effiċjenza tas-sistema. Il-Kummissjoni Ewropea nnifisha, fil-*pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari*, irrikonoxxiet li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali se jagħmlu "kontribut prinċipali għall-ekonomija ċirkolari".

### 3.5. Ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, iċ-ċittadinanza korporattiva u l-ekonomija soċjali

Fl-2011 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-green paper tagħha dwar *Promozzjoni ta' qafas Ewropew għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva* u ddefiniet is-CSR bħala "kunċett li bih il-kumpaniji jintegraw l-interessi soċjali u ambjentali tagħhom fl-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom u fl-interazzjoni tagħhom mal-partijiet ikkonċernati tagħhom fuq bażi volontarja".

Kunċett wieħed marbut ħafna mas-CSR huwa ċ-***Ċittadinanza Korporattiva*** (CC). It-teoriji dwar il-CC jissuġġerixxu li kumpanija ma għandhiex tieħu responsabbiltajiet biss lejn l-azzjonisti u l-partijiet ikkonċernati, iżda li l-kumpanija nnifisha għandha tinvolvi ruħha mas-soċjetà. Il-kumpanija trid

taġixxi bħala "ċittadin tajjeb". Għalkemm id-definizzjoni inizjali tas-CSR kienet ristretta għall-prattiki tajbin ta' kumpanija direttament relatati mal-azzjonisti u l-partijiet ikkonċernati, id-definizzjoni l-ġdida tas-CSR mill-Kummissjoni Ewropea tidentifika litteralment mal-10 prinċipji tal-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti (COM (2006) 136 final, punt 2), għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li ż-żewġ kunċetti huma ekwivalenti, tal-anqas fl-aġenda tal-Kummissjoni.

Billi l-prinċipji tal-ekonomija soċjali, ispirati mill-prinċipji kooperattivi, mhuma xejn għajr l-applikazzjoni tas-CSR fl-aspetti kollha tagħha, jista' jingħad li l-ekonomija soċjali kienet pijunier fl-applikazzjoni tas-CSR billi s-CSR hija parti integrali mill-valuri u r-regoli operattivi tal-ekonomija soċjali.

### 3.6. Rikonoxximent nazzjonali tal-kunċett ta' ekonomija soċjali u kunċetti emerġenti relatati

- *Pajjiżi li fihom il-kunċett tal-ekonomija soċjali huwa rikonoxxut b'mod wiesa':* Fi Spanja, Franza, il-Portugall, il-Belġju u l-Lussemburgu, il-kunċett tal-ekonomija soċjali jgawdi l-akbar rikonoxximent mill-awtoritajiet pubbliċi u fid-dinja akkademika u xjentifika, kif ukoll fis-settur tal-ekonomija soċjali nnifsu. L-ewwel żewġ pajjiżi jispikkaw, peress li Franza hija l-post fejn twieled dan il-kunċett, u Spanja approvat l-ewwel liġi nazzjonali Ewropea dwar l-ekonomija soċjali fl-2011.
- *Pajjiżi li fihom il-kunċett tal-ekonomija soċjali jgawdi livell moderat ta' rikonoxximent:* Dawn jinkludu l-*Italja*, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Latvja, Malta, il-Polonja, ir-Renju Unit, il-Bulgarija, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, ir-Rumanija u s-Slovenja. F'dawn il-pajjiżi l-kunċett tal-ekonomija soċjali jeżisti flimkien ma' kunċetti oħra, bħas-settur mingħajr skop ta' qligħ, is-settur volontarju u l-intrapriżi soċjali. Fir-Renju Unit, il-livell baxx ta' għarfien dwar l-ekonomija soċjali jikkuntrasta mal-politika ta' appoġġ tal-gvern għall-intrapriżi soċjali.
- *Pajjiżi fejn ftit li xejn hemm rikonoxximent tal-kunċett tal-ekonomija soċjali:* Il-kunċett tal-Ekonomija Soċjali ma tantx huwa magħruf, huwa emerġenti jew mhux magħruf fil-pajjiżi li ġejjin: l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, is-Slovakkja u l-Kroazja. It-termini relatati tas-settur mingħajr skop ta' qligħ, tas-settur volontarju u tas-settur tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi jgawdu livell ta' rikonoxximent relattivament akbar.

Rigward il-kunċetti emerġenti relatati, l-aktar magħrufa fil-pajjiżi tal-UE huma n-"non-profitt", it-"tielet settur", is-"soċjetà ċivili u s-settur volontarju", ir-"responsabbiltà soċjali korporattiva", l-"intrapriżi soċjali" u l-"innovazzjoni soċjali". Kunċetti oħra bħall-"ekonomija ċirkolari" jew l-"ekonomija kollaborattiva" juru xejra 'l fuq fil-livelli ta' għarfien fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, filwaqt li l-kunċetti tal-"ekonomija tal-ġid komuni" u tal-"ekonomija solidali" għandhom diffikultà

biex jimxu 'l quddiem f'ħafna pajjiżi tal-UE, fejn bilkemm huma magħrufa jew ma huma magħrufa xejn.

# IL-POLITIKI PUBBLIĊI LEJN L-EKONOMIJA SOĊJALI FUQ LIVELL EWROPEW FIL-PERJODU REĊENTI (2010-16)

## 4.1. Regoli: statuti u oqfsa regolatorji

Bejn l-2009 u l-2017, l-istituzzjonijiet Ewropej implimentaw diversi inizjattivi fir-rigward tal-ekonomija soċjali, jew b'mod aktar preċiż għall-intrapriżi soċjali li huma parti mill-ekonomija soċjali, biex fetħu perjodu ġdid ta' politiki pubbliċi Ewropej. Rigward il-forom legali, ftit saru avvanzi. Il-proġetti tal-Istatut Ewropew għas-Soċjetajiet Reċiproċi u tal-Istatut għal Fondazzjoni Ewropea (EF) ġew diskussi iżda finalment ġew irtirati, minħabba nuqqas ta' appoġġ istituzzjonali. Fil-preżent il-Parlament Ewropew ħa l-inizjattiva leġislattiva li jaħdem fuq Statut għall-intrapriżi soċjali u l-intrapriżi bbażati fuq is-solidarjetà.

Rigward l-oqfsa regolatorji u l-ostakoli legali għall-iżvilupp ta' entitajiet tal-ekonomija soċjali, sa ftit taż-żmien ilu d-Direttivi approvati ma tawx attenzjoni biżżejjed għall-karatteristiċi speċifiċi tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali. L-applikazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni kienet il-prijorità. Aktar reċentement, sabiex timmitiga dan il-qafas regolatorju, fl-2012 il-Kummissjoni adottat ir-Regolament de minimis għall-qasam tas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SGEI) u fl-2014 ġie approvat il-pakkett ta' riforma dwar l-akkwist pubbliku. Dan jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi li jdaħħlu ċerti klawsoli soċjali fil-proċeduri tal-akkwist u fit-termini ta' referenza. Madankollu, dan ftit kellu impatt. Fil-kuntest tal-qafas regolatorju, ostakolu emerġenti li kien qed jiżviluppa huwa kkunsidrat bħala politika kwalitattiva ta' awsterità. Dan huwa relatat mal-mod kif l-entitajiet tas-settur pubbliku u tal-SE jirrelataw ma' xulxin, fir-rigward mhux biss tal-problema taż-żieda fil-burokrazija iżda wkoll id-dewmien, il-proċeduri tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni u rekwiżiti oħra li jikkomplikaw, jew saħansitra jipprekludu, il-kollaborazzjoni bejn it-tielet settur u s-settur pubbliku.

Saru sforzi fuq livell ta' gvern Ewropew u nazzjonali sabiex jittejbu d-dimensjoni konjittiva u l-parteċipazzjoni mis-soċjetà ċivili, bħall-Konferenzi Ewropej organizzati mill-Presidenzi tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew fi ħdan il-qafas ta' Presidenza, l-Opinjonijiet suċċessivi tal-KESE, l-inizjattivi u l-opinjonijiet tal-Intergrupp dwar l-Ekonomija Soċjali tal-Parlament Ewropew u f'xi każijiet anki dawk tal-Kumitat tar-Reġjuni, jew saħansitra tal-Kummissjoni nnifisha. L-aħħar inizjattiva, li ttieħdet f'Madrid (23.5.2017), kienet l-adozzjoni tad-"Dikjarazzjoni ta' Madrid", li kisbet impatt qawwi fuq il-midja u n-netwerk soċjali. Madankollu, sabiex iżżid il-viżibbiltà soċjali u r-riċettività soċjali, hija trid timxi mil-livell makro għal-livell mikro. Barra minn hekk, b'dan il-mod, it-tessut soċjali tas-soċjetajiet, il-kapital soċjali tagħhom tan-netwerks, isir fattur ewlieni. Kif innotat f'rapporti preċedenti, il-programmi Ewropej ibbażati fuq il-FSE kellhom effett strutturali estensiv, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali, biex jgħaqqdu u jsaħħu l-ekonomija soċjali Ewropea f'termini ta' federazzjonijiet, netwerks, riċerka, kultura u politiki. Min-naħa l-oħra, il-fondi u l-programmi tal-UE jsibu diffikultajiet konsiderevoli sabiex isiru aċċessibbli għan-netwerks lokali.

Kif innotat qabel, kwistjoni oħra hija l-viżibbiltà u r-rikonoxximent tad-definizzjoni kunċettwali tal-qasam tal-ekonomija soċjali. L-iskjerament perjodiku ta' "neokunċetti" ma jgħinx. Fis-sebgħinijiet, il-multipliċità ta' termini relatati mal-ekonomija soċjali kienet tinkludi t-tielet sistema, is-soċjetà ċivili u n-non-profitt. Fil-kuntest tal-kriżi ekonomika, tfaċċat sensiela ġdida ta' kunċetti, bħall-intrapriżi soċjali, l-ekonomija kollaborattiva u l-ekonomija tal-ġid komuni. Irridu nenfasizzaw li dawn il-kwistjonijiet jaħbu mhux biss in-nuqqas ta' kunsens dwar l-isem li għandu jintuża iżda wkoll politika moħbija biex ma jsirx progress f'dan il-qasam.

### 4.2. Politiki vinkolanti: fondi u oqsma ta' politika

Fl-2011 seħħet bidla importanti fl-aġenda politika tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-ekonomija soċjali, jew b'mod aktar preċiż, tal-intrapriżi soċjali, meta l-Kummissjoni bdiet tapplika l-"*Inizjattiva għan-Negozju Soċjali* (SBI). Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni" (COM(2011) 682 finali). L-SBI elenkat l-aġenda politika tal-Kummissjoni Ewropea bi 11-il azzjoni ewlenin. Wieħed mill-assi huwa t-*titjib tal-finanzjament privat u pubbliku*. Sabiex jissaħħaħ l-interess tal-investituri privati fl-intrapriżi soċjali, ġie approvat ir-Regolament 346/2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (EuSEF). Il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) ġie stabbilit ukoll b'kollaborazzjoni ma' inizjattivi finanzjarji oħra bħall-Istrument ta' Garanzija tal-EaSI, it-Tieqa ta' Investimenti għall-Bini tal-Kapaċità tal-EaSI u l-Aċċelleratur tal-Impatt Soċjali (SIA). Rigward il-fondi pubbliċi, l-għan ta' "promozzjoni tal-ekonomija soċjali u l-intraprenditorija soċjali" ġie trasferit lill-FEŻR u l-FSE. Madankollu, politika baġitarja Ewropea speċifikament għall-ekonomija soċjali ma rnexxietx u għadha mistennija. Id-Dikjarazzjoni riċenti ta' Madrid (23.5.2017) kompliet issejjaħ għaliha.

L-istudju tagħna mal-korrispondenti wera l-importanza tal-istrument finanzjarju prinċipali tal-UE, il-FSE. Il-kungressi u n-netwerks internazzjonali, l-inizjattiva LEADER u d-direttivi u l-leġislazzjoni Ewropea kienu wkoll miżuri ewlenin. Il-kungressi u n-netwerks ġew murija bħala għodda sabiex jiġu ġġenerati effetti strutturali u konjittivi bħall-koordinazzjoni tas-soċjetà ċivili tal-ekonomija soċjali tal-Ewropa. L-għodod ġodda stabbiliti dan l-aħħar (FEIS, EaSI, COSME, eċċ.) ftit li xejn urew impatt, speċjalment fil-pajjiżi tal-Mediterran u tal-Lvant tal-UE. Huma meħtieġa studji sabiex jivvalutaw l-impatt tal-politiki l-ġodda.

# IL-POLITIKI PUBBLIĊI LEJN L-EKONOMIJA SOĊJALI FL-EWROPA FUQ LIVELL NAZZJONALI U REĠJONALI FIL-PERJODU REĊENTI (2010-16)

## 5.1. Leġislazzjoni nazzjonali ġdida dwar l-ekonomija soċjali

Matul dawn l-aħħar seba' snin, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej taw attenzjoni lit-tfassil tal-liġijiet dwar l-ekonomija soċjali. Ġew mgħoddija liġijiet speċifiċi dwar l-ekonomija soċjali f'livell nazzjonali fi Spanja (2011), il-Greċja (2011 u 2016), il-Portugall (2013), Franza (2014) u r-Rumanija (2016) u f'livell reġjonali fil-Belġju (Wallonja, Brussell u l-Fjandri) u fi Spanja (Galicia).

Barra minn hekk, tfaċċaw liġijiet ġodda, abbozzi u inizjattivi istituzzjonali oħra bħal sistemi ta' akkreditazzjoni, tikketti u pjani pluriennali nazzjonali kbar f'dan il-perjodu, li wrew interess li qiegħed jiżdied f'dan il-qasam fost il-gvernijiet. Barra minn hekk, ġew approvati riformi għal gruppi speċifiċi tal-ekonomija soċjali (it-tielet settur soċjali, intrapriżi soċjali tat-tielet settur, kooperattivi u oħrajn), pereżempju fl-Italja u fi Spanja.

Ir-regolamentazzjoni tal-ekonomija soċjali b'forom legali ġodda fiha nnifisha ma tikkostitwix progress fil-promozzjoni tal-ekonomija soċjali li jmur lil hinn mir-rikonoxximent istituzzjonali tagħha (Noia, 2017). Bħal fil-każ tal-Istatut tas-Soċjetà Kooperattiva Ewropea jew tal-Liġi Spanjola dwar l-Ekonomija Soċjali sa ftit ilu, l-effetti jistgħu jkunu limitati ħafna jekk il-liġi ma tkunx akkumpanjata minn miżuri oħra.

## 5.2. Pjani ta' azzjoni nazzjonali u reġjonali u finanzjament immirat

Il-pjani ta' azzjoni nazzjonali u reġjonali huma politiki ewlenin sabiex tingħata spinta lill-ekonomija soċjali. Dawn jikkostitwixxu ftehimiet ewlenin bejn atturi differenti, prinċipalment bejn il-gvern u r-rappreżentanti tal-ekonomija soċjali / tat-tielet settur, iżda jinkludu wkoll it-trejdjunjins, l-universitajiet u oħrajn, bil-għan li jtejbu r-relazzjoni reċiproka tagħhom għall-vantaġġ reċiproku fuq perjodu ta' żmien twil. Huma jinkludu oqfsa ta' finanzjament ġeneralment stabbli, skemi parteċipattivi u konsultattivi, oqsma strateġiċi għall-iżvilupp u titjib fir-relazzjonijiet u tibdil soċjali.

Fuq livell reġjonali u lokali, f'dan l-aħħar deċennju ġew żviluppati prattiki tajbin fir-reġjuni ta' Andalusia u Murcia fin-Nofsinhar ta' Spanja, li kisbu l-ogħla rati ta' żvilupp tal-kooperattivi fil-pajjiż, u f'diversi reġjuni ta' Franza u l-Belġju (Chaves u Demoustier, 2013). Matul dan id-deċennju, prattiki tajbin oħra jistgħu jinstabu fi Franza bil-Pol Territorjali tal-kooperazzjoni ekonomika (PTCE) rikonoxxut mil-Liġi Franċiża ġdida dwar l-ekonomija soċjali, jew fi pjani lokali sabiex jippromwovu l-intrapriżi soċjali u solidali, bħal f'Barċellona (Spanja).

Fuq livell nazzjonali, u ġeneralment b'kooperazzjoni mal-fondi strutturali Ewropej, f'dawn l-aħħar snin ġew stabbiliti diversi pjani ta' azzjoni nazzjonali. Dawn huma każijiet fejn il-programmi operazzjonali tal-fondi Ewropej huma mmirati lejn l-ekonomija soċjali u l-inklużjoni soċjali. It-Tabella 3 tidentifika l-pjani nazzjonali ewlenin. Tliet fatturi ewlenin għas-suċċess huma importanti: l-ewwel nett, qafas pluriennali u olistiku, it-tieni, il-kunċett ta' sħubija bejn il-gvern, l-ekonomija soċjali u partijiet ikkonċernati oħra, li jassigura li l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet reali jintlaħqu, u t-tielet, l-effett strutturali u inklużiv tal-fondi strutturali Ewropej madwar l-Ewropa. Dan tal-aħħar huwa lezzjoni ewlenija għal dawk li jfasslu l-politika tal-UE.

**Tabella 3 – Pjani nazzjonali li jippromwovu l-ekonomija soċjali fil-pajjiżi Ewropej (2011-2016)**

| Pajjiż | Pjan Nazzjonali |
|---|---|
| **il-Bulgarija** | Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali (2014-2015; 2016-2017) |
| **il-Polonja** | Programm Nazzjonali għall-Ekonomija Soċjali. L-istabbiliment tal-Kumitat Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Ekonomija Soċjali |
| **il-Portugall** | Ftehim Nazzjonali bejn il-gvern u s-settur soċjali ("Compromissos de Cooperação para o Setor Social e Solidário") |
| **ir-Rumanija** | Solidar - Appoġġ għall-konsolidazzjoni tal-programm tal-Ekonomija Soċjali, taħt POCU - Programm Operazzjonali għall-Kapital Uman |
| **Spanja** | Programm Nazzjonali għall-promozzjoni tal-ekonomija soċjali u POISES - Programm Operazzjonali għall-inklużjoni soċjali u l-ekonomija soċjali - FSE 2014-2020. |
| **l-Iżvezja** | Programm pluriennali ta' appoġġ għall-intrapriżi soċjali tal-integrazzjoni fix-xogħol, mid-Dipartiment tax-Xogħol flimkien mad-Dipartiment tal-Intrapriża. |
| **ir-Renju Unit** | Il-Patt, ftehim bejn il-gvern u s-settur tal-volontarjat u l-komunità. Stabbilit fl-1998, dan jistabbilixxi mod ta' ħidma li jtejjeb ir-relazzjoni tagħhom għall-vantaġġ reċiproku. |

Finanzjament immirat. Jeżistu bosta oqfsa ta' finanzjament madwar l-Ewropa. Xi wħud jinvolvu prinċipalment fondi pubbliċi, oħrajn fondi privati, u oħrajn huma skemi pubbliċi-privati ibridi. Hawnhekk aħna niffukaw fuq finanzjament immirat ibbażat fuq regolamenti jew fondi pubbliċi.

Il-fondi pubbliċi mmirati lejn l-ekonomija soċjali huma l-ewwel pilastru finanzjarju. L-UE (eż. il-fondi strutturali) u l-gvernijiet nazzjonali u reġjonali jassenjaw fondi espliċitament għall-promozzjoni u l-iżvilupp tal-Ekonomija Soċjali. Dawn huma l-programmi ta' sussidji tradizzjonali għall-promozzjoni tal-kooperattivi u l-impjiegi fil-kooperattivi fil-Ġermanja, l-Italja u Spanja. Hemm bosta alternattivi li jistgħu jiġu implimentati.

F'dawn l-aħħar snin, diversi gvernijiet madwar l-Ewropa użaw dawn il-forom ta' fondi. Fil-Belġju, il-fond Brasero jappoġġa l-iżvilupp tal-kooperattivi tal-ħaddiema fir-reġjun ta' Wallonja. F'Ċipru, il-politika tas-Servizzi tal-Assistenza Soċjali toffri għotjiet annwali għall-ispejjeż operattivi, billi tissussidja lill-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi ta' assistenza soċjali (jiġifieri kura tat-tfal, kura fit-tul u oħrajn). Fi Franza, il-Liġi l-ġdida dwar l-ekonomija soċjali stabbiliet għodod finanzjarji ġodda għas-settur, inkluż fond għall-innovazzjoni soċjali (FISO). Fl-Italja, ġie stabbilit fond għall-iffinanzjar tal-intrapriżi soċjali u l-kooperattivi soċjali.

F'xi każijiet, dawn huma fondi mħallta, immaniġġati mill-gvern u minn organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali: xi eżempji fi Franza huma l-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Ħajja Assoċjattiva (FNDVA) u l-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Isport (FNDS). F'diversi fondi, il-finanzjament huwa barra mill-baġit. Skemi oħra huma bbażati fuq it-taxxa fuq l-introjtu personali. Perċentwal tat-taxxa pagabbli jista' jiġi assenjat miċ-ċittadini lil organizzazzjonijiet volontarji. Dan huwa l-każ fl-Italja u fi Spanja. Fi Spanja dawn is-somom jitħallsu f'fond nazzjonali għal organizzazzjonijiet tat-tielet settur soċjali, li jirċievi aktar minn EUR 200 miljun kull sena.

Riżorsa mmirata tradizzjonali oħra tinkiseb mid-dħul mil-logħob tax-xorti (lotteriji, slot machines). Dan huwa l-każ ta' RAY u Oy Veikkaus AB fil-Finlandja jew l-ONCE — l-organizzazzjoni nazzjonali għall-għomja — fi Spanja.

### 5.3. Regoli tal-akkwist pubbliku

Wara perjodu twil meta l-protezzjoni tal-kompetizzjoni kienet il-politika ewlenija fis-swieq pubbliċi, ir-rieżami tar-regolamenti tal-UE dwar l-akkwist pubbliku fl-2014 (id-Direttivi 2014/23; 2014/24 u 2014/25) fetaħ opportunitajiet ġodda għall-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jippromwovu l-ekonomija soċjali billi jiffaċilitaw l-aċċess tagħha għall-istatus ta' fornitur tas-settur pubbliku. Din, għalhekk, hija *politika orjentata fuq id-domanda* biex issaħħaħ l-ekonomija soċjali. Issa huma permessi klawsoli soċjali fil-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

Diversi gvernijiet f'livelli nazzjonali, reġjonali u lokali applikaw dawn il-klawsoli soċjali, bħal fl-Iżvezja, Spanja u r-Renju Unit. Fir-Renju Unit, l-Att dwar il-Valur Soċjali (Servizzi Pubbliċi) tal-2012 jirrikjedi li l-korpi pubbliċi li jikkuntrattaw servizzi pubbliċi jqisu kif dawn is-servizzi jistgħu jipproduċu titjib ekonomiku u soċjali fiż-żona fejn ikunu se jiġu pprovduti s-servizzi. Fi Spanja, bliet bħal Zaragoza, Barċellona u Madrid dan l-aħħar introduċew klawsoli soċjali fil-kuntratti pubbliċi ġodda tagħhom.

### 5.4. Ostakoli istituzzjonali

F'dan ir-rapport, aħna indirizzajna wkoll dawk li l-professjonisti u r-rappreżentanti tal-ekonomija soċjali jifhmu li huma l-ostakoli ewlenin għall-iżvilupp ta' dan is-settur, b'fokus fuq l-ostakoli

istituzzjonali. Fil-fatt, dan huwa mod kif titkejjel l-effikaċja tal-politiki implimentati, jew li għadhom ma ġewx introdotti. Il-mistoqsija fil-kwestjonarju kienet miftuħa ħafna. Kienu riċevuti bosta tweġibiet differenti. Huma jidentifikaw erba' gruppi ta' ostakoli: l-ewwel nett, il-viżibbiltà u l-għarfien, it-tieni, it-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-gvern, it-tielet, il-finanzjament u t-tassazzjoni u, fl-aħħar nett, l-ostakoli istituzzjonali.

L-ewwel grupp ta' ostakoli jirrigwarda n-nuqqas ta' għarfien u fehim tal-kunċett tal-ekonomija soċjali, l-intrapriżi soċjali u kunċetti oħra relatati, fis-soċjetà, fid-dibattitu pubbliku u fis-settur akkademiku. Dan huwa ostakolu sinifikanti ħafna għall-pajjiżi tal-Lvant tal-UE bħall-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja jew ir-Repubblika Ċeka. Il-korrispondenti f'dawn il-pajjiżi jirrikonoxxu li l-appoġġ prinċipali għall-ekonomija soċjali (kemm finanzjarju kif ukoll sensibilizzazzjoni) ġej minn programmi u inizjattivi tal-UE.

Marbuta ma' dan in-nuqqas ta' għarfien u fehim hija l-viżibbiltà baxxa tal-ekonomija soċjali, fil-midja u anki fl-istatistika. In-nuqqas ta' bażijiet ta' data, statistika uffiċjali u data affidabbli dwar l-intrapriżi soċjali jew l-ekonomija soċjali jidher f'bosta pajjiżi, mill-Awstrija u s-Slovakkja sal-Iżvezja. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ fil-qasam tal-ekonomija soċjali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni. F'numru żgħir ta' pajjiżi, bħal Franza, jeżistu programmi bħal taħriġ permezz ta' kooperattivi akkademiċi għal studenti adolexxenti/żgħażagħ.

It-tieni grupp ta' ostakoli jirrigwarda t-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-gvern. Ħafna korrispondenti jgħidu li hemm nuqqas ta' istituzzjonijiet ewlenin b'responsabbiltà għall-ekonomija soċjali, intrapriżi soċjali, voluntiera u s-soċjetà ċivili li huma kapaċi jiżviluppaw politiki u jinkoraġġixxu l-ekonomija soċjali. Konsegwentement, m'hemm l-ebda strateġija nazzjonali għall-ekonomija soċjali. Dan il-qasam mhuwiex meqjus bħala prijorità ta' politika. Korrispondenti minn pajjiżi bħall-Ġermanja u Malta jqisu li l-biċċa l-kbira tal-midja u dawk li jfasslu l-politika "ma jarawx il-ħtieġa" ta' ekonomija soċjali. F'xi każijiet, huma jidentifikaw nuqqas ta' fiduċja u rifjut tal-attivitajiet ekonomiċi mwettqa mill-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ.

Sa ċertu punt minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-korpi governattivi mhumiex adegwati biex jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet u l-isforzi tal-ekonomija soċjali. F'xi każijiet, il-gvernijiet f'diversi livelli u l-ministeri differenti mhumiex ikkoordinati f'materji tal-ekonomija soċjali. F'każijiet oħra, il-korpi governattivi jiddependu ħafna fuq iċ-ċikli politiċi, eż. fl-2015, l-uffiċċju tal-gvern Daniż għan-negozji tal-ekonomija soċjali ngħalaq meta nbidel il-gvern. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, il-burokrazija u l-politiki kwalitattivi ta' awsterità (Chaves u Zimmer, 2017) huma ostakoli kbar ħafna għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali li jaħdmu mal-awtoritajiet pubbliċi, eż. fl-Italja, fi Spanja u fis-Slovenja.

Grupp ieħor ta' ostakoli huma l-*ostakoli istituzzjonali*. Qed jiġu kkunsidrati żewġ tipi. L-ewwel tip huma l-bidliet fir-regolamenti tas-settur li jikkostitwixxu ostakoli għall-operazzjonijiet tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali. Fi Franza u Spanja, il-bidliet tal-gvern fir-regolamentazzjoni komplementari tal-protezzjoni soċjali affettwaw b'mod negattiv lill-entitajiet tas-saħħa ta' benefiċċju komuni f'dawn l-aħħar snin, fejn f'xi każijiet wassluhom biex jibdlu l-istatus legali tagħhom għal dak ta' entità bi skop ta' qligħ. Fl-Italja, ir-riforma tal-banek popolari (DL 3/2015) tistipula li l-banek popolari li għandhom

assi ta' aktar minn EUR 8 biljuni għandhom jiġu ttrasformati f'kumpaniji b'ishma konġunti. Barra minn hekk, ir-riforma tal-kooperattivi ta' kreditu (L 49/2016) organizzat mill-ġdid b'mod radikali s-settur bankarju kooperattiv kollu, b'xi aspetti negattivi. Fi Spanja, il-bidliet fit-trattament tas-sigurtà soċjali ta' dawk li jħarrġu fl-isports affettwaw b'mod negattiv lill-assoċjazzjonijiet sportivi. Fir-Renju Unit, il-kuntratti kbar ta' akkwist jirrelegaw lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali għal sottokuntrattar għall-kumpaniji kbar mis-settur privat; barra minn hekk, it-tendenza (minkejja l-Att dwar il-Valur Soċjali) hija li l-kuntratti jingħataw abbażi tal-prezz pjuttost milli jiġi inkluż il-valur miżjud soċjali. L-istatus legali emendat dan l-aħħar tal-istituzzjonijiet tal-karità huwa adattat aħjar għal dan l-ambjent istituzzjonali ġdid. Fil-Finlandja, id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku li ppermettiet li jiġu riżervati kuntratti għal ċerti servizzi mhix qed tiġi implimentata, u għalhekk l-entitajiet tal-ekonomija soċjali ma jistgħux jibbenefikaw minnha.

It-tieni tip ta' ostakolu istituzzjonali jirrigwarda l-liġijiet u l-istatuti ġodda għall-intrapriżi soċjali. L-ewwel ostakolu huwa n-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regolamenti l-ġodda (li għalhekk huma meqjusa bħala liġijiet mhux vinkolanti). Dan huwa l-każ tal-liġi Spanjola dwar l-Ekonomija Soċjali (2011), li ma għandha l-ebda regolament ta' implimentazzjoni.

It-tieni ostakolu f'dan it-tieni tip ta' ostakolu istituzzjonali jirrigwarda d-diffikultajiet ġodda li tfaċċaw għal entitajiet oħra tal-ekonomija soċjali minħabba forom legali nazzjonali ġodda tal-SE jew bidliet fil-forom legali. Fil-Polonja u l-Portugall, il-bidliet reċenti fil-liġijiet dwar il-kooperattivi mhumiex meqjusa xierqa għall-kooperattivi. Fl-Ungerija, il-liġi l-ġdida dwar l-SE tippreżenta riskju għal bosta kooperattivi soċjali, maħluqa minn gruppi ta' ċittadini, li jista' jkollhom bżonn jiġu trasformati f'tip ieħor ta' organizzazzjoni (kooperattiva jew kumpanija b'responsabbiltà limitata mingħajr skop ta' qligħ) meta l-liġi tidħol fis-seħħ fl-2018. Fis-Slovenja u l-Bulgarija, il-liġi dwar l-intraprenditorija soċjali teskludi organizzazzjonijiet differenti li diġà kienu qegħdin jaħdmu bħala intrapriżi soċjali.

# L-IMPORTANZA TAL-EKONOMIJA SOĊJALI FIT-28 STAT MEMBRU TAL-UE

## 6.1. Introduzzjoni: il-ħtieġa ta' statistika dwar l-ekonomija soċjali

Matul dawn l-aħħar għoxrin sena saru sforzi, kemm fil-qasam akkademiku kif ukoll mill-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-gvernijiet. Fl-2006, is-CIRIEC fassal metodu għall-Kummissjoni Ewropea, il-Manwal għat-tfassil tal-Kontijiet Satellita tal-Kumpaniji fl-Ekonomija Soċjali, b'mod parallel mal-Manwal tan-NU għall-Kontijiet Satellita dwar l-Istituzzjonijiet Mhux għall-Profitt. Ġew żviluppati wkoll metodi oħra għat-tħejjija tal-istatistika. Xi pajjiżi wettqu ħafna xogħol fis-snin riċenti sabiex jipprovdu data affidabbli dwar diversi gruppi tal-ekonomija soċjali. L-istituti tal-istatistika ta' Franza u l-Ministeru tax-Xogħol ta' Spanja jipprovdu serje kronoloġika dwar l-impjiegi fil-kooperattivi u l-ekonomija soċjali. L-Italja, il-Bulgarija, il-Lussemburgu, ir-Repubblika Ċeka u l-

Ungerija għamlu titjib serju fl-istatistika ppubblikata mill-istituti nazzjonali tagħhom tal-istatistika, f'xi każijiet użaw il-metodoloġija tal-kontijiet satellita għall-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Għandha ssir referenza speċjali għall-Portugall, il-Polonja u r-Rumanija. Dawn it-tliet pajjiżi tal-UE żviluppaw statistika regolari u sistematika għall-ekonomija soċjali kollha kemm hi f'dawn l-aħħar snin. Fil-Portugall dan huwa mandat bil-Liġi tal-pajjiż dwar l-Ekonomija Soċjali (2013) u fil-Polonja huwa konsegwenza ta' ftehim mal-FSE (Fond Soċjali Ewropew). Minkejja dan, jeħtieġ isir sforz kbir sabiex tiġi sistematizzata l-istatistika għall-gruppi differenti tal-ekonomija soċjali matul is-snin li ġejjin.

## 6.2. Għan u metodoloġija: sfidi

L-għan ta' din il-parti tal-istudju huwa li tipprovdi ħarsa ġenerali lejn iċ-ċifri ewlenin għall-ekonomija soċjali fl-Unjoni Ewropea, skont il-pajjiż u b'mod globali, billi tiddistingwi bejn tliet gruppi ta' organizzazzjonijiet: il-kooperattivi u tipi aċċettati simili, is-soċjetajiet reċiproċi u tipi simili; u fl-aħħar l-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet u tipi oħra relatati mingħajr skop ta' qligħ.

It-tfassil ta' statistika mill-istudji fuq il-post u minn kontijiet verifikabbli huwa essenzjali. Madankollu, għal raġunijiet ta' spejjeż u żmien, dan jaqbeż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-istudju u jrid jiġi indirizzat fi stadju aktar tard. L-informazzjoni statistika pprovduta f'dan l-istudju ġiet misluta minn data sekondarja fornita mill-korrispondenti tagħna f'kull pajjiż. Il-perjodu ta' referenza huma s-snin 2014-2015. Madankollu, għal raġunijiet ta' disponibbiltà u tal-kwalità tar-rappurtar statistiku, l-informazzjoni għal xi pajjiżi hija antika xi snin, b'mod partikolari fil-każ tal-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet simili. Iċ-ċifri mfittxa kienu n-numru ta' persuni impjegati u, fejn possibbli, l-ekwivalenti ta' ingaġġ full-time, in-numru ta' membri, in-numru ta' voluntiera u n-numru ta' entitajiet jew kumpaniji. Għal xi pajjiżi u gruppi fl-ekonomija soċjali, kienet disponibbli wkoll data dwar il-fatturat iżda ma kinitx komparabbli. Għall-finijiet ta' komparabbiltà mad-data mill-istudji preċedenti mwettqa mis-CIRIEC għall-KESE dwar l-istat tal-ekonomija soċjali fl-Unjoni Ewropea ta' 25 membru fl-2002/3 u fl-2009/10, ingħatat attenzjoni partikolari lill-varjabbli tal-"impjiegi".

## 6.3. Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati statistiċi

L-aggregati li ġejjin jissottolinjaw il-fatt li l-ekonomija soċjali Ewropea hija importanti ħafna f'termini kemm umani kif ukoll ekonomiċi u hija realtà li għandha tiġi kkunsidrata mis-soċjetà u minn dawk li jfasslu l-politika.

L-ekonomija soċjali Ewropea tipprovdi:

- 'il fuq minn 13.6 miljun impjieg bi ħlas fl-Ewropa
- l-ekwivalenti għal madwar 6.3 % tal-popolazzjoni attiva tal-UE-28
- l-impjieg ta' forza tax-xogħol ta' aktar minn 19.1 miljun, inklużi dawk bi ħlas u dawk mhux bi ħlas

- aktar minn 82.8 miljun voluntier, ekwivalenti għal 5.5 miljun ħaddiem full-time
- aktar minn 232 miljun membru ta' kooperattivi, soċjetajiet reċiproċi u entitajiet simili
- aktar minn 2.8 miljun entità u intrapriża

Il-panorama tvarja fost il-pajjiżi tal-UE. Filwaqt li l-impjiegi fl-ekonomija soċjali jammontaw għal bejn 9 % u 10 % tal-popolazzjoni attiva f'pajjiżi bħall-Belġju, l-Italja, il-Lussemburgu, Franza u n-Netherlands, fl-Istati Membri ġodda tal-UE bħas-Slovenja, ir-Rumanija, Malta, il-Litwanja, il-Kroazja, Ċipru u s-Slovakkja, l-ekonomija soċjali għadha settur żgħir, emerġenti, li jimpjega anqas minn 2 % tal-popolazzjoni attiva.

Konklużjoni oħra tikkonċerna l-evoluzzjoni tal-forza tax-xogħol tal-ekonomija soċjali matul il-kriżi ekonomika. Il-forza tax-xogħol tal-ekonomija soċjali wriet reżiljenza għall-kriżi ekonomika, billi naqset biss minn 6.5 % għal 6.3 % tal-forza tax-xogħol totali bi ħlas Ewropea u minn 14.1 miljun impjieg għal 13.6 miljun, parzjalment spjegabbli mill-kwalità tad-data statistika disponibbli. It-tnaqqis fil-forza tax-xogħol bi ħlas huwa akbar fil-kooperattivi u f'forom simili milli fl-assoċjazzjonijiet, fil-fondazzjonijiet u f'forom simili oħra.

Fl-aħħar nett, imkejla f'termini ta' impjiegi, billi kejlijiet oħra tal-impatt ekonomiku bħall-kontribuzzjoni għall-PDG mhumiex faċilment disponibbli, l-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet u forom simili oħra jibqgħu l-"familja" prinċipali tal-ekonomija soċjali, li tinkludi l-biċċa l-kbira tal-entitajiet / intrapriżi soċjali u madwar 66 % tal-impjiegi f'dan is-settur soċjali.

**Tabella 4. Impjiegi bi ħlas fil-kooperattivi, is-soċjetajiet reċiproċi, l-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet u entitajiet simili Unjoni Ewropea (2014-15)**

| Pajjiż | Kooperattivi u simili | Soċjetajiet Reċiproċi | Assoċjazzjonijiet u Fondazzjonijiet | Total |
|---|---|---|---|---|
| l-Awstrija | 70,474 | 1,576 | 236,000 | 308,050 |
| il-Belġju | 23,904 | 17,211 | 362,806 | 403,921 |
| il-Bulgarija | 53,841 | 1,169 | 27,040 | 82,050 |
| il-Kroazja | 2,744 | 2,123 | 10,981 | 15,848 |
| Ċipru | 3,078 | MHUX APPLIKABBLI | 3,906 | 6,984 |
| ir-Repubblika Ċeka | 50,310 | 5,368 | 107,243 | 162,921 |
| id-Danimarka | 49,552 | 4,328 | 105,081 | 158,961 |
| l-Estonja | 9,850 | 186 | 28,000 | 38,036 |
| il-Finlandja | 93,511 | 6,594 | 82,000 | 182,105 |
| Franza | 308,532 | 136,723 | 1,927,557 | 2,372,812 |
| il-Ġermanja | 860,000 | 102,119 | 1,673,861 | 2,635,980 |
| il-Greċja | 14,983 | 1,533 | 101,000 | 117,516 |
| l-Ungerija | 85,682 | 6,948 | 142,117 | 234,747 |
| l-Irlanda | 39,935 | 455 | 54,757 | 95,147 |
| l-Italja | 1,267,603 | 20,531 | 635,611 | 1,923,745 |
| il-Latvja | 440 | 373 | 18,528 | 19,341 |
| il-Litwanja | 7,000 | 332 | MHUX APPLIKABBLI | 7,332 |
| il-Lussemburgu | 2,941 | 406 | 21,998 | 25,345 |
| Malta | 768 | 209 | 1,427 | 2,404 |
| in-Netherlands | 126,797 | 2,860 | 669,121 | 798,778 |
| il-Polonja | 235,200 | 1,900 | 128,800 | 365,900 |
| il-Portugall | 24,316 | 4,896 | 186,751 | 215,963 |
| ir-Rumanija | 31,573 | 5,038 | 99,774 | 136,385 |
| is-Slovakkja | 23,799 | 2,212 | 25,600 | 51,611 |
| is-Slovenja | 3,059 | 319 | 7,332 | 10,710 |
| Spanja | 528,000 | 2,360 | 828,041 | 1,358,401 |
| l-Iżvezja | 57,516 | 13,908 | 124,408 | 195,832 |
| ir-Renju Unit | 222,785 | 65,925 | 1,406,000 | 1,694,710 |
| **TOTAL TAL-UE-28** | **4,198,193** | **407,602** | **9,015,740** | **13,621,535** |

**Tabella 5. Impjiegi bi ħlas fl-ekonomija soċjali meta mqabbla mal-impjiegi bi ħlas totali. Unjoni Ewropea (2014-15)**

| Pajjiż | Impjiegi fl-SE (A) | Impjiegi totali * (B) | % A / B |
|---|---|---|---|
| l-Awstrija | 308,050 | 4,068,000 | 7.6% |
| il-Belġju | 403,921 | 4,499,000 | 9,0% |
| il-Bulgarija | 82,050 | 2,974,000 | 2,8% |
| il-Kroazja | 15,848 | 1,559,000 | 1.0% |
| Ċipru | 6,984 | 350,000 | 2.0% |
| ir-Repubblika Ċeka | 162,921 | 4,934,000 | 3,3% |
| id-Danimarka | 158,961 | 2,678,000 | 5,9% |
| l-Estonja | 38,036 | 613,000 | 6,2% |
| il-Finlandja | 182,105 | 2,368,000 | 7,7% |
| Franza | 2,372,812 | 26,118,000 | 9,1% |
| il-Ġermanja | 2,635,980 | 39,176,000 | 6,7% |
| il-Greċja | 117,516 | 3,548,000 | 3,3% |
| l-Ungerija | 234,747 | 4,176,000 | 5,6% |
| l-Irlanda | 95,147 | 1,899,000 | 5,0% |
| l-Italja | 1,923,745 | 21,973,000 | 8,8% |
| il-Latvja | 19,341 | 868,000 | 2,2% |
| il-Litwanja | 7,332 | 1,301,000 | 0,6% |
| il-Lussemburgu | 25,345 | 255,000 | 9,9% |
| Malta | 2,404 | 182,000 | 1,3% |
| in-Netherlands | 798,778 | 8,115,000 | 9,8% |
| il-Polonja | 365,900 | 15,812,000 | 2,3% |
| il-Portugall | 215,963 | 4,309,000 | 5,0% |
| ir-Rumanija | 136,385 | 8,235,000 | 1,7% |
| is-Slovakkja | 51,611 | 2,405,000 | 2,1% |
| is-Slovenja | 10,710 | 902,000 | 1,2% |
| Spanja | 1,358,401 | 17,717,000 | 7,7% |
| l-Iżvezja | 195,832 | 4,660,000 | 4,2% |
| ir-Renju Unit | 1,694,710 | 30,028,000 | 5,6% |
| **TOTAL TAL-UE-28** | **13,621,535** | **215,722,000** | **6,3%** |

* Impjiegi bi ħlas, etajiet bejn 15 u 65 sena, Eurostat, 2015.

**Tabella 6. Evoluzzjoni tal-impjiegi bi ħlas fl-ekonomija soċjali fl-Ewropa**

| | Impjiegi fl-ekonomija soċjali | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Pajjiż** | **2002/2003** | **2009/2010** | **2014/2015** | **Δ% 2010-2015** |
| l-Awstrija | 260,145 | 233,528 | 308,050 | 31,9% |
| il-Belġju | 279,611 | 462,541 | 403,921 | -12,7% |
| il-Bulgarija | MHUX APPLIKABBLI | 121,300 | 82,050 | -32,4% |
| il-Kroazja | MHUX APPLIKABBLI | 9,084 | 15,848 | 74,5% |
| Ċipru | 4,491 | 5,067 | 6,984 | 37,8% |
| ir-Repubblika Ċeka | 165,221 | 160,086 | 162,921 | 1,8% |
| id-Danimarka | 160,764 | 195,486 | 158,961 | -18,7% |
| l-Estonja | 23,250 | 37,850 | 38,036 | 0,5% |
| il-Finlandja | 175,397 | 187,200 | 182,105 | -2,7% |
| Franza | 1,985,150 | 2,318,544 | 2,372,812 | 2,3% |
| il-Ġermanja | 2,031,837 | 2,458,584 | 2,635,980 | 7,2% |
| il-Greċja | 69,834 | 117,123 | 117,516 | 0,3% |
| l-Ungerija | 75,669 | 178,210 | 234,747 | 31,7% |
| l-Irlanda | 155,306 | 98,735 | 95,147 | -3,6% |
| l-Italja | 1,336,413 | 2,228,010 | 1,923,745 | -13,7% |
| il-Latvja | 300 | 440 | 19,341 | MHUX PERTINENTI |
| il-Litwanja | 7,700 | 8,971 | 7,332 | -18,3% |
| il-Lussemburgu | 7,248 | 16,114 | 25,345 | 57,3% |
| Malta | 238 | 1,677 | 2,404 | 43,4% |
| in-Netherlands | 772,110 | 856,054 | 798,778 | -6,7% |
| il-Polonja | 529,179 | 592,800 | 365,900 | -38,3% |
| il-Portugall | 210,950 | 251,098 | 215,963 | -14,0% |
| ir-Rumanija | MHUX APPLIKABBLI | 163,354 | 136,385 | -16,5% |
| is-Slovakkja | 98,212 | 44,906 | 51,611 | 14,9% |
| is-Slovenja | 4,671 | 7,094 | 10,710 | 51,0% |
| Spanja | 872,214 | 1,243,153 | 1,358,401 | 9,3% |
| l-Iżvezja | 205,697 | 507,209 | 195,832 | -61,4% |
| ir-Renju Unit | 1,711,276 | 1,633,000 | 1,694,710 | 3,8% |
| **TOTAL TAL-UE-28** | **11,142,883** | **14,137,218** | **13,621,535** | **-3,6%** |

Sors: CIRIEC/KESE
(n/a) mhux disponibbli, (n/p) mhux pertinenti

***Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew***

Rue Belliard/Belliardstraat 99
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Persuna inkarigata mill-pubblikazzjoni:
Unità taż-Żjajjar u l-Pubblikazzjonijiet
EESC-2017-104-MT
www.eesc.europa.eu

© L-Unjoni Ewropea, 2017
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' grafika, il-permess għandu jintalab direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

*Online*
QE-04-17-876-MT-N
ISBN 978-92-830-3890-0
doi:10.2864/570758

MT